MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Numru. 15/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
v

**PETER PAUL PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PETER PAUL PORTELLI** bin Saviour u Mary nee Sammut imwieled nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Settembru 1952 u residenti ‘Pets Eve Canadian House’, Triq ta’ Hida, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 64352G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar fl-inhawi maghrufa bhala Ta’ Mghajza, Hanaq, Nadur, Ghawdex,

1. kiser l-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied;

2. talli fl-istess okkazzjoni ingurja w hedded bi kliem lil Joseph Portelli u lil Carmen Vella min-Nadur Ghawdex;

3. talli minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddierhor f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmen Vella skond kif iccertifika Doctor P. Sciberras MD tal-isptar Generali ta' Ghawdex;

4. talli fl-istess okkazzjoni, kellu f'idu jew fuqu, sikkina bix-xafra jew bil-ponta jew strument iehor minghajr l-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. talli fl-istess okkazzjoni kiser garanzija moghtija minnu fil-presenza tal-Qorti f'decizjoni fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Paul Portelli fis-sbatax ta' Frar 2005.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 1377 Emanuel Cilia, lil Eden Marie Portelli, lil Charles Galea, lil Yvonne Debono, lil Joseph Portelli, lil Evelyn Portelli, lil Charles Galea kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta' PS 1377 Emanuel Cilia u l-okkorrenza relattiva.

Semghet lil partijiet jirrimettu ruhhom ghal atti fis-seduta tat-tnax ta' April 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Awissu 2006 il-prosekuzzjoni esibit okkorrenza w **affidavit ta' PS 1377 Emanuel Cilia** u minn ezami tal-istess jirrizulta li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005, ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar l-ghassa tar-Rabat, kienet irceviet rapport permezz ta' telefonata minn Eden Marie Portelli li fi trejqa

ta' Majza, Nadur, kien hemm argument familjari bejn missierha Peter Paul Portelli u huh Joseph Portelli. Illi l-pulizija ghalhekk marret fuq il-post indikat fit-telefonata u minn stharrig preliminari rrizulta li minn dak li qal a tempo vergine tal-investigazzjoni Peter Paul Portelli lilha, li huwa kien tiela bil-kannestru tal-laring f'idejh u huh Joseph Portelli, li dak l-hin kien tiela minn warajh bil-mohriet tal-ghalqa tieghu, qabad kanna tal-ilma tan-nofs pulizier twila circa erbgha piedi u beda jxejjer biha fejn laqtu f'idejh peress li beda jilqa bil-kannestru. Qallu wkoll li dak l-hin kien ma bintu Eden Marie Portelli. Illi l-pulizija kellmet wkoll lil Yvonna Debono fejn spjegat li kienet irceviet telefonata minghand Eden Marie Portelli fejn giet infurmata dwar dan l-incident u meta kienet sejra fuq il-post flimkien ma Evelyn Portelli, Carmen Vella, oht Joseph Portelli harget ghal gol-passagg u bdiet tghajjat u tghid "int x'tinzel taghmel hawn, int m'ghandekx l-ghelieqi hawn isfel" u bdiet ixxejjer b'injama u laqtitha f'idejha. Illi l-pulizija kellmet wkoll lil parti l-ohra u cioe lil Joseph Portelli u qal li hu kien verament tiela minn gewwa passagg tal-ghalqa tieghu u sab lil huh Peter Paul Portelli jistenna hdejn l-ghalqa tieghu u jheddu li kien ser joqtlu bil-mus u huwa baqa tiela wasrajh. Illi l-pulizija kienet wkoll kellmet lil Carmen Vella li qaltilhom li Peter Paul Portelli taha daqqa ta' ponn fuq wiccha u daqqa ta' sieq fuq koxxitha. Wara ftit tispjega li waslet Yvonne Debono u bdiet tghajjarha u tghidilha xi kliem dizonest. Illi Joseph Portelli qallu wkoll li Peter Paul Portelli baqa jigri warajh bil-mus u b'katina bil-katnazz.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Awissu 2006 **xehed PC 1097 Mario Cassar** w ikkonferma dak kollu li qal PS 1377 Emanuel Cilia fl-affidavit tieghu datat tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2006 dwar l-investigazzjoni mizmuma minnhom presentatat fis-seduta tal-wiehed u tletin ta' Awissu 2006.

**Eden Marie Portelli ikkonfermat** li kienet ma missierha fl-ghalqa taqta xi laring. Spjegat li l-ghalqa taghhom maghluqa bil-gwarnic. Qalet li f'xi hin gie zijuha Joseph Portelli u beda jxejjer kanna f'wicc missierha Peter Paul Portelli u missierha beda jilqa d-daqqiet bil-kannestru vojt. Minnufih cemplet lil pulizija u qaltilhom dwar dan l-

incident. Qalet li hi qabadha hass hazin bl-inkwiet u wara xi hin spicca hdejha l-gharus taghha Charles Galea.

Mistoqsija jekk c-cestin kellux xi daqqiet tghid li in effetti kien mibrux, milqut u mghattan bid-daqqiet li qala. Spjegat li hija kienet ma gemb missierha mill-bidu sal-ahhar u fl-ebda hin ma ccaqilqet minn hdejh. Qalet li huma qaghdu fl-ghalqa taghhom waqt li Joseph Portelli resaq hdejhom wara li nizel minn fuq il-mohriet li kien riekeb.

**Charles Galea jghid** li huwa kien d-dar ta’ Peter Paul Portelli meta cemplet Eden Marie Portelli u talbitu jinzel l-ghalqa malajr ghaliex kien hemm paniku shih u z-ziju Joseph Portelli kien qed jahbat ghal missierha. Huwa ghalhekk nizel sal-ghalqa flimkien ma Evelyn Portelli w Yvonne Portelli. Spjega li kif kienu nizlin fuq il-post, Carmen Vella waqqfet lil Yvonne Debono u qaltilha li ma kellhomx dritt imorru fl-ghalqa. Spjega li meta wasal sab lil Peter Paul Portelli ixarrab wicc Eden Marie Portelli ghaliex kien hassha hazin. Zied jghid li hu qaghad hdejn t-tfajla l-hin kollu waqt li Yvonne Debono w Evelyn Portelli marru hdejn Peter Paul Portelli. Stqarr li Carmen Vella ippruvat twaqqaf lilu wkoll izda hu baqa ghaddej. Mistoqsi jekk f’xi hin bediex jghajjat jew jingurja jew jhedded lil Carmen Vella, x-xhud jghid li lanqas biss kellimha ghaliex hu kien mohhu fl-gharusa tieghu. Qal li kienet li hi li ppruvat twaqqfu u tikkmandah.

**Yvonne Debono xehdet** li hija kienet mifthema ma Evelyn Portelli li kienet ser taqta l-laring maghha mill-ghalqa taghhom u li marret n-Nadur w hemmhekk sabet lil Charles Galea. Qalet li minnufih wara ftit li kienet waslet, cemplet Eden Marie Portelli u bidet tghajjat ‘ejjew… ejjew ghax z-ziju Joseph qed ihebb ghal pa, cemplu lil pulizija’. Spjegat li ghalhekk huma lkoll kemm kienu marru jigru lejn l-ghalqa. Qalet li halliet il-karozza ‘l fuq u nizlu bil-mixi. Qalet li kif waslet harget Carmen Vella u bdiet tghajjat u tghid li m’ghandhomx hwejjeg hemmhekk w ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn tinzel ghal Peter Paul Portelli. Ix-xhud ziedet tghid li Carmen Vella hebbet ghaliha u marret tiddewwa. Qalet wkoll li hija bdiet tinsulenta lil Carmen

Vella b'zewgha u li bdiet tilqa d-daqqiet u li lil Joseph Portelli ma ratu mkien. Ikkonfermat li Carmen Vella ghajjritha l-ewwel u li hi ma tatx ghaliex qalghet dejjem minghand Carmen Vella.

**Joseph Portelli xehed** nhar l-wiehed w ghoxrin Dicembru 2006 fejn qal li hu kien sejjer lejn l-ghalqa tieghu ma ohtu Carmen Vella w ohtu ghalfet l-hamiem waqt li huwa baqa tiela bil-mohriet. Spjega li ohtu qaghdet tistennih hdejn il-kamrin. F'hin minnhom, kompla jghid ix-xhud, huh Peter Paul Portelli hareg ghalih b'mus, katina u katnazz u baqa tiela warajh sakemm waslu hdejn ohthom Carmen Vella. Spjega li hu nhasad, hija warbet minn nofs pero hu gibdilha l-maktur li kellha ma rasha u taha daqqa fuq xoffitha. Zied jghid li wara ohtu poggiet bil-qeghda fil-*parking area*. Qal li wara ftit ghaddew Yvonne Debono, Charles Galea, Evelyn Portelli w Eden Marie Portelli. Qal li Charles Galea beda jaghti bis-sieq lil Carmen Vella filwaqt li Peter Paul Portelli qal xi kliem mhux xieraq u telaq 'l hemm. Qal lil hu ma kellimx lil Peter Paul Portelli u li kanna f'idejh ma kellux. Qal wkoll li hu sar jaf bit-tehid tat-*tape recording* minghandha.

**Evelyn Portelli kkonfermat** li kienet d-dar u Charles Galea rcieva telefonata minghand t-tfajla li missierha Peter Paul Portelli kien qed jigi attakkat b'kanna. Qalet li ghalhekk telqu jigru lejn l-ghalqa u Carmen Vella harget ghaliha b'injama. Qalet li Joseph Portelli ma deher imkien waqt li hija kellha battibekk ma Carmen Vella. Ix-xhud pero tghid li hi baqghet niezla u sabet lil bintha Edel Marie Portelli fuq gebla b'hass hazin. Ix-xhud ikkonfermat li pulizija fuq il-post gew u li Yvonne Debono spiccat b'feriti fuq idejha kagjonata minn Carmen Vella.
In kontr'ezami ix-xhud tghid li hi m'ghajjritx lil Carmen Vella ghalkemm kien hemm min ghajjarha b'zewgha li hu mejjet. Qalet pero li din Carmen Vella ostakolat l-passagg taghhom u ma setghux jinzlu fl-ghalqa facilment biha. Qalet wkoll li Eden Marie Portelli ma kienetx maghha ghaliex kienet baqghet hdejn missierha Peter Paul Portelli.

Illi **Carmen Vella xehdet** w ikkonfermat li kienet marret taqta l-laring ma huha Joseph Portelli. Qalet li huha Joseph Portelli kien bil-mohriet u jistennih kien hemm huha l-iehor Peter Paul Portelli. Rat lil Peter Paul Portelli jsegwi lil Joseph Portelli izda meta raha, inhasad. Stqarret li <u>Joseph Portelli qalilha</u> li Peter Paul Portelli kellu mus u beda jxejjer katina. Spjegat li lilha nehhilha l-maktur li kellha ma rasha. Qalet li rat lil Peter Paul Portelli icempel bil-mobile tieghu u wara xi hin nizlu n-nisa, fosthom Yvonne Debono li bdiet taghti b'idejha u hija altilha biex fl-ghalqa taghha ma tidholx. Qalet li Peter Paul Portelli taha bis-sieq fuq saqajha.

Illi l-imputat **Peter Paul Portelli xehed** li huwa kien ma Eden Marie Portelli b'cestin tal-laring f'idejh meta f'daqqa wahda Joseph Portelli nizel minn fuq il-mohriet tieghu u mar ixejjer kanna f'wiccu, izda meta semgha u ra lil Eden Marie Portelli tghajjat, huwa waqaf u telaq 'l hemm. Cahad li kellu mus f'idejh. Wara xi hin mar Charles Galea hdejh. Ix-xhud ikkonferma pero li kien Joseph Portelli li habat ghalih u li c-cestin spicca bid-daqqiet mghattan bl-ghemil tieghu.

Il-Qorti ezaminat wkoll r-*recording* esibit fl-atti nhar l-wiehed u tletin ta' Awissu 2006 u minn ezami tal-istess jirrizulta li:

a. Li l-imputat Peter Paul Portelli jghid 'ara tmissni ghax inqattek' li jindika li verament kellu mus f'idejh u Carmen Vella tghid li ratu bil-mus;

b. Li Joseph Portelli kellu mingel u kanna f'idejh;

c. Li l-imputat Peter Paul Portelli kellem hazin lil Carmen Vella meta jghid [2min. 31sec] kliem bhal "o… ommok int" u [2min 42 sec] "F…… l… int";

d. Li l-imputat Peter Paul Portelli jghajjar lil ohtu [2min 39sec] "double faces';

e. Li Joseph Portelli wkoll jghid kliem mhux xieraq [4min 10 sec] O… ommok"

f. Yvonne Debono tghajjar lil Carmen Vella li zewgha kien jahqarha u jaghtiha, li hi giddieba, li ser qattaha bicciet, jaghtiha daqqa go halqha, li jdendilha;

g. Li Carmen Vella kienet aggressiva ma Yvonne Debono u li habtet ghaliha wkoll.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti l-ewwel (1), t-tieni (2) w ir-raba (4) akkuzi jirrizultaw ippruvati filwaqt li t-tielet (3) w il-hames (5) akkuza ma jirrizultax w ghalhekk tiddikjara li ma ssibux hati taghhom u tilliberah minnhom.

**Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 338(dd), 339(1), 214, 321(1), 339(1), tal-Kap 9 u l-artikolu 12 tal-Kap 66 kif emendat bil-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat PETER PAUL PORTELLI hati tal-ewwel (1), t-tieni (2) w ir-raba (4) akkuza kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' hamsin (50) lira maltin u mhux hati tat-tielet (3) w il-hames (5) akkuza u tilliberah minnhom.**
**Torbot lil imputat Peter Paul Portelli biex ma jimmolestax u ma jhedditx lil Joseph Portelli u lil Carmen Vella ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------